MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 1461/2005

**Anthony Grech**
**I.D. 731233(M)**

**vs**

**Claire Calleja**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat mill-attur Anthony Grech permezz ta' liema jitlob li l-konvenuta Claire Calleja tigi kkundannata thallas is-somma ta' erba' mija u erbgha Liri Maltin u sebghin centezmu (Lm404.70), illum ekwivalenti ghal disa' mija tnejn u erbghin Euro u sebghin centezmu (€942.70), rapprezentanti danni kkagunati fil-vettura tal-marka Skoda Favorit bin-Numru tar-Registrazzjoni ABG-352 proprjetà tieghu nhar it-30 ta' Jannar 2005 fi Triq ix-Xghajra, Zabbar, waqt li l-konvenuta ghamlet U-Turn fl-

istess triq u baqghet diehla fil-karozza tieghu. Bl-imghaxijiet u l-ispejjez kontra l-konvenuta.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li biha laqghet ghat-talbiet attrici bl-eccezzjoni preliminari illi l-azzjoni attrici hija irrita u nulla stante li skond l-Avviz Legali Numru 420/04 u l-Avviz Legali Numru 421/04 li dahlu fis-sehh fl-24 ta' Settembru 2004 kwistjonijiet u talbiet rigwardanti vetturi ghandhom jinstemghu quddiem ic-Centru ta' l-Arbitragg u ghalhekk dan it-Tribunal ma ghandu ebda kompetenza li jiehu konjizzjoni ta' talba bhal din, u fil-meritu u bla pregudizzju, illi it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra d-decizjoni preliminari ta' dan it-Tribunal tal-14 ta' Frar 2007 fejn huwa irraviza potenzjal ta' kunflitt bejn id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta[1] u l-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta[2] u ghamel referenza kostituzzjonali ta' dan il-punt lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

B'sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tad-19 ta' Ottubru 2007, il-Qorti irriteniet illi l-Avviz Legali Numru 279 tal-2005 li emenda l-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn jolqot kazijiet li jaqghu taht il-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal imur kontra l-provvedimenti ta' l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, u kwindi ma humiex vinkolanti u ma jorbtux lil dan it-Tribunal.

B'decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali pronuncjata fid-29 ta' Frar 2008, is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tad-19 ta' Ottubru 2007 giet imhassra u revokata billi gie ritenut illi dan it-Tribunal ma jistghax jirreferi kwistjoni kostituzzjonali lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) u ghalhekk l-atti gew mibghuta lura lil dan it-Tribunal biex jiddeciedi l-vertenza

[1] Att dwar it-Tribual tat-Talbiet Zghar.
[2] Att dwar l-Arbitragg.

jew vertenzi li ghandu quddiemu, inkluz l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra illi l-process gie rimess lil dan it-Tribunal u fis-seduta tal-15 ta' April 2008 il-partijiet qablu li l-kawza tmur ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari.

B'sentenza pronuncjata fid-29 ta' April 2008 l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuta giet michuda u t-Tribunal iddikjara ruhu kompetenti sabiex jisma' l-vertenza odjerna u ordna l-prosegwiment tal-kaz fuq il-meritu.

Ra x-xhieda li ta l-attur waqt is-seduta tat-18 ta' Jannar 2007 u r-ritratti minnu esebiti[3], l-affidavit tal-konvenuta pprezentat fit-22 ta' Settembru 2008[4] u x-xhieda li ta l-Warden G331 Roger Attard waqt is-seduta tat-23 ta' Ottubru 2008 u d-dokumenti minnu esebiti u markati bhala Dok. "RA1" kopja tar-Road Accident Report traskritt minnu u Dok. "RA2" kopja tar-Road Accident Report formali[5].

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-kawza ta' Dr. Jonathan Spiteri ghall-attur u ra li fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2009 il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi din is-sentenza hija dwar il-meritu proprio tal-kawza sotto esame ossia, jekk l-incident tat-traffiku li sehh fi Triq ix-Xghajra, Zabbar, fit-30 ta' Jannar 2005 bejn il-vettura tal-marka Skoda Felicia bin-Numru tar-Registazzjoni ABG-352 proprjetà ta' l-attur u l-vettura tal-marka Skoda Favorit bin-Numru tar-Registrazzjoni CAO-498 misjuqa mill-konvenuta, sehhx b'tort tal-konvenuta kif pretiz mill-attur u jew inkella t-talbiet ta' l-attur humiex infondati fil-fatt u fid-dritt kif pretiz mill-konvenuta.

---

[3] Fol.21 sa' fol. 26 tal-process.
[4] Rol. 46 sa' 47 tal-process.
[5] Fol. 50 sa' fol. 61 u fol. 64 sa' fol. 66 tal-process.

Mix-xhieda li ta l-attur waqt is-seduta tat-18 ta' Jannar 2007 jirrizulta li dakinhar ta' l-incident hu kien qed isuq il-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni ABG-352 u kien tiela' minn Triq ix-Xaghjra, Zabbar. L-attur kien wahdu fil-vettura tieghu w il-konvenuta wkoll kienet wahedha fil-vettura taghha.

L-attur iddikjara li kien qed isuq fuq il-lemin tat-triq u ma' genbu fuq in-naha tax-xellug kien hemm il-vettura l-ohra misjuqa mill-konvenuta. Jghid illi huma kienu telghin it-telgha *side by side* billi t-triq in kwistjoni hija wiesgha bizzejjed biex jghaddu zewg vetturi ma' genb xulxin.

Id-dinamika ta' l-incident giet spiegata mill-attur b'dan il-mod: *fil-mument li konna ma genb xulxin, telghin l-istess triq, Claire Calleja f'daqqa wahda bdiet iddur lejn il-lemin u z-zewg vetturi hbattna genb ma' genb ... Wara l-incident kemm jiena u kemm hi waqfna però ghandi nghid illi ghalkemm jiena kont ghadni nhares l-istess direzzjoni kif kont qed insuq qabel ma sehh l-incident, hi lahqet ghamlet U-turn u kienet qed thares fid-direzzjoni opposta.*

Huwa xehed li b'konsegwenza ta' l-incident kellu hsara mal-genb kollu tal-vettura tieghu fuq in-naha ta' xellug: kellu hsara kemm fil-bieba ta' quddiem kif ukoll fil-bieba ta' wara. L-attur esebixxa r-ritratti li ha l-Warden wara l-incident – Dok. "AG1" sa' Dok. "AG4" a fol. 23 sa' 26 tal-process – li juru l-hsara fil-vettura tieghu u fil-vettura tal-konvenuta.

L-attur iddikjara li sewwa l-vettura tieghu u li qabel ma saru dawn it-tiswijiet l-assikurazzjoni tal-konvenuta kienet baghtet is-surveyor taghha. Huwa kompla jzid jghid illi *meta mort kellimt l-insurance taghha u mort kemm-il darba lili qaluli li ma kellix ragun mija fil-mija izda kelli nbati ftit mit-tort. Qaluli li jekk hemm mitt lira hsara huma ser ihallsu tmenin lira u l-ghoxrin lira l-ohra ghandi nbatihom jiena. Jiena m'accettajtx*[6].

[6] Fol. 22 tal-process.

Il-konvenuta tat ix-xhieda taghha permezz ta' affidavit u fir-rigward ta' l-incident xehdet hekk: *fit-30 ta' Jannar 2005 jiena kont qed insuq il-karozza tieghi Skoda Favorit bin-numru CAO-498 f'Xghajra Road, Zabbar. Din it-triq hija two way b'traffiku li jinzel mid-direzzjoni tax-Xghajra lejn Haz-Zabbar fuq naha wahda tat-triq u traffiku li jiehdok fid-direzzjoni tax-Xghajra minn Haz-Zabbar fuq in-naha l-ohra tat-triq. Fit-triq ma hemmx marki ta' karreggjati ma' l-art. Jiena kont qed insuq il-vettura tieghi fid-direzzjoni tax-Xghajra fuq in-naha t-tajba tat-triq. Ridt nikser ghal god-driveway ta' Brenmar House, liema driveway qieghed fuq in-naha l-ohra tat-triq jigifieri fuq in-naha tal-lemin tieghi. Jien ghamilt l-incidactor biex nindika li kont ser nikser fuq il-lemin tieghi, u wara li rajt li ma kienx gej traffiku mid-direzzjoni tax-Xghajra u li ma kienx hemm vettura miexja warajja mill-istess direzzjoni tieghi bdejt nikser bil-mod hafna fuq in-naha l-ohra tat-triq. Waqt li qed nikser, f'daqqa wahda, l-attur dahal go fija. L-attur qatt ma kien quddiemi qabel l-incident u l-vettura tieghu giet min-naha tal-lemin tieghi. Nghid illi l-habta sehhet ghaliex l-attur ipprova jissorpassa il-vettura tieghi minn naha tal-lemin tat-triq effettivament fuq l-istess naha minn fejn jinzel it-traffiku mix-Xghajra lejn Haz-Zabbar. Nghid ukoll li kien minhabba f'hekk li jiena ma rajtux fil-mera qabel bdejt nikser lejn il-lemin. In fatti l-vettura ta' l-attur ma dehritx fil-mera tal-vettura tieghi meta ccekkjat qabel bdejt nikser u ndunajt biss biha mal-habta. Mal-habta jien waqaft imma l-vettura ta' l-attur waqfet iktar il-boghod fit-triq. Il-vettura tieghi sofriet hsara fil-genb ta' quddiem fuq in-naha tal-lemin ezatt hdejn il-headlights*[7].

Il-konvenuta tichad li fil-hin ta' l-incident hija kienet qed taghmel U-Turn izda tghid li kienet qed tikser ghal fuq il-lemin tat-triq biex tidhol fid-*driveway* ta' Brenmar House li tinsab fuq in-naha tal-lemin tat-triq.

Apparte z-zewg sewwieqa xehed ukoll Roger Attard, Warden G331, li kien il-Warden li investiga l-habta.

---

[7] Affidavit tal-konvenuta a fol. 47 tal-process.

Waqt is-seduta tat-23 ta’ Ottubru 2008 huwa esebixxa r-rapport relattiv ghall-habta mertu tal-kontestazzjoni flimkien mar-ritratti li juru l-hsara fil-vetturi tal-partijiet kontendenti[8]. Roger Attard ikkonferma li r-ritratti esebiti mill-attur huma l-istess ritratti li kien ha hu dakinhar ta’ l-incident.

Oltre li qara l-*istatements* li tawh iz-zewg sewwieqa dakinhar ta’ l-incident, il-Warden zied jghid illi meta ghadda biex jara l-hsara fil-vettura ABG-352, il-vettura ta’ l-attur, *Calleja qalet li sid il-Vettura ABG 352 kien qalilha illi fuq il-mudguard kellu biss girfa u mhux daqqa wkoll*. In kontro-ezami l-istess Warden xehed illi skond l-isketch li hejja ma jidhirx li fit-triq fejn sehh l-incident hemm sinjali ma’ l-art u qal ukoll illi *it-triq hija wiesgha bizzejjed biex jghaddu zewg vetturi u jista’ jkun forsi anki tlieta*[9].

Mir-rapport imhejji mill-Warden jirrizulta li dakinhar ta’ l-incident l-attur stqarr illi *kont gej fi triq ix-Xghajra kont wara l-vettura CAO-498 – qbist din il-vettura u smajt Bum, jien waqaft ftit il-fuq. Is-sewwieq tal-vettura CA0-498 giet tara xi hsarat ghandi biex fil-kaz jekk m’hemmx spejjez kbar thallas hi. Argumentajna ftit u ftit wara sejjahna il-gwardjan*[10].

Il-konvenuta min-naha taghha stqarret illi *kont gejja fi triq ix-Xghajra kont qed indur fid-drive in ta’ Brenmar house bl-indicator on li qed indur, karozzi min faccata ma kienux gejjin nisma habta – tajt brake u rajt il-vettura ABG-352 ghaddejja minn fuq il-lemin tieghi – baqa’ sejjer ftit il fuq – waqaft u il-vettura l-ohra waqfet ukoll*[11].

Mill-provi prodotti jirrizulta li filwaqt illi dakinhar ta’ l-incident l-attur iddikjara mal-Warden li hu kien ghaddej minn Triq ix-Xghajra **wara** l-vettura tal-konvenuta u spiega d-dinamika ta’ l-incident fis-sens li hekk kif kien qed **jissorpassa** lill-konvenuta hi daret lejn il-lemin bil-konsegwenza li sehh l-impatt bejn iz-zewg vetturi,

[8] Dok. “RA1” minn fol. 50 sa’ fol. 61 tal-process.
[9] Fol. 65 tal-process.
[10] Fol. 56 tal-process.
[11] Fol 57 tal-process.

quddiem dan it-Tribunal huwa xehed li dakinhar ta' l-incident kien ghaddej minn Triq ix-Xghajra **ma' genb** il-vettura tal-konvenuta, kienu telghin minn din it-triq ***side by side*** u f'mument minnhom il-konvenuta **kisret ghal fuq il-lemin taghha bil-konsegwenza li habtet fil-vettura tieghu.**

Fl-istqarrija li tat lill-Warden dakinhar ta' l-incident il-konvenuta qalet li qabel ma bdiet il-manuvra **minn faccata ma kienux gejjin karozzi, kif bdiet iddur semghat habta, tat brake u rat il-vettura ta' l-attur ghaddeja fuq il-lemin taghha**, fl-affidavit taghha però qalet li qabel bdiet il-manuvra taghha harset **kemm quddiemha** biex tara xi traffiku kien gej minn faccata taghha **kif ukoll warajha** biex tara xi traffiku kien gej minn wara **u x'hin rat li ma hemmx vetturi la quddiemha u lanqas warajha bdiet il-manuvra taghha izda kif bdiet tikser l-attur dahal fiha** .

Minn ezami tal-versjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa lill-Warden dakinhar ta' l-incident u tax-xhieda minnhom moghtija waqt is-smigh ta' din il-kawza, jirrizulta b'mod car li entrambe l-partijiet ma baqghux ghal kollox fidili mal-versjoni tal-fatti kif minnhom moghtija *a tempo vergine* dakinhar ta' l-incident.

Dwar id-dinamika ta' l-incident it-Tribunal ser joqghod fuq il-versjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa lill-Warden dakinhar tat-30 ta' Jannar 2005 u dana billi l-versjoni li s-sewwieqa jaghtu *a tempo vergine* lill-ufficjal li jinvestiga l-incident hija l-iktar wahda kredibbli ghaliex tinghata spontanjament minghajr ma s-sewwieqa jkollhom *chance* jahsbu, jintebhu b'certu affarijiet, jitkellmu ma' terzi u konsegwentement ivarjaw il-versjoni taghhom kif jaqbel lilhom[12].

B'hekk is-sitwazzjoni li ghandu quddiemu t-Tribunal hekk kif tirrizulta mill-versjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa lill-Warden dakinhar ta' l-incident, hija wahda fejn hemm zewg vetturi mexjin wara xulxin, bil-vettura ta' wara [dik ta'

---

[12] **Andrew Ciantar v. Joseph Coleiro, Citaz. Nru. 536/97** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Lulju 2001.

l-attur] taghmel manuvra ta' sorpass u fl-istess waqt il-vettura ta' quddiem [dik tal-konvenuta] taghmel *a right hand turn*.

It-Tribunal josserva li l-allegazzjoni ta' l-attur li l-konvenuta kienet qed taghmel U-Turn ma hija sorretta bl-ebda mod mill-provi in atti. Mill-iskizz anness mar-Rapport tal-Warden tirrizulta iktar kredibbli l-versjoni tal-konvenuta li kienet qed taghmel *a right hand turn* milli l-versjoni ta' l-attur li l-istess konvenuta kienet qed taghmel U-Turn.

Rilevat dan il-punt it-Tribunal ser jghaddi issa biex jezamina u jiddetermina xi grad ta' responsabilità ghandhom, jekk ghandhom, il-partijiet kontendenti ghall-incident tat-traffiku li sehh bejniethom fit-30 ta' Jannar 2005.

Il-principju li jirregola l-attenzjoni li ghandu jippresta s-sewwieq li jaghmel jew jittanta jaghmel *right hand turn* gie trattat b'mod dettaljat fis-sentenza fl-ismijiet **Rolando Cusimano v. Luke Gauci noe Citaz. Nru. 1327/00** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Ottubru 2005.

F'dik is-sentenza gie osservat illi *early decisions tended to consider that all the turning motorist was required to do was to give a clear indication to following motorists of his intention. <u>As regulations requiring a motorist to have a clear view through his rearview mirror of following traffic became stricter, it became the duty of the driver to keep a look-out both in front and behind. He no longer complies with his duty unless, after giving his turning signal, he takes reasonable steps to satisfy himself that following traffic has both seen and reacted to his signal, which, it is submitted, boils down to taking reasonable steps to ensure that there will be no traffic in the process of overtaking him as he makes his turn</u> … Dana kollu, fil-fatt ma huwa xejn hlief <u>estensjoni tar-regola generali ta' "proper look out" li jrid izomm is-sewwieq</u>*[13] - skond l-Artikolu 79 u l-Artikolu 85 tal-High Way Code.

---

[13] Sottolinear tat-Tribunal.

Principju guridiku iehor assodat fil-gurisprudenza nostrali in materia hu li *l-fatt li sewwieq jixghel l-indicator ma jaghtihx xi dritt assolut li jaghmel dak li qed jindika li bi hsiebu jaghmel peress li dan is-sinjal jindika biss l-intenzjoni tas-sewwieq, cioè dik li juri fi zmien adegwat minn qabel x'inhi l-manuvra li jrid jaghmel … il-fatt li sewwieq jixghel l-indicator tieghu ma jfissirx li hu jista' jaqbad u jaghmel il-manuvra tieghu minghajr ma jiehu wkoll, u minn qabel, kull prekawzjoni mehtiega biex jara li ma jigix kawzat xi incident. L-obbligu tal-proper look out, tas-sewqan prudenti, jibqa' xorta wahda fuq is-sewwieq irrispettivament jekk jixghelx l-indicator jew le*[14]*. L-indicator ismu mieghu, juri jew jindika biss dak li bi hsiebu jaghmel is-sewwieq, u ma jaghtih ebda dritt li jaghmel xi manuvra minghajr ma wkoll jesplora dak kollu li qed jigri madwaru. Sewqan prudenti jitlob li meta wiehed sejjer jaghmel manuvra konsistenti f'right hand turn hu ghandu jixghel indicator f'hin u distanza adegwata qabel il-punt fejn irid jaghmel ir-right turn, jieqaf ezattament qabel ma jibda jdur u jesplora t-triq sewwa, minn kull naha u angolu, sabiex jara li ghandu "a clear way" qabel ma jkompli bil-manuvra li jrid jaghmel. Hu biss wara li jara li ma hemm ebda traffiku iehor fil-vicinanzi tieghu li sewwieq prudenti ghandu jaghmel il-manuvra ta' "a right hand turn". Ovvjament, sewwieq f'tali cirkostanzi jibqa' obbligat ukoll li jara anke jekk hemmx xi traffiku gej warajh jew jekk hemmx xi traffiku li già beda jissorpassah fil-mument li hu jibda jaghmel il-manuvra tar-right hand turn*[15]*.*

Minn dawn il-principji johrog car ghalhekk li s-sewwieq li jkun bi hsiebu jaghmel *a right hand turn* ma jistghax jillimita ruhu li jixghel l-*indicator* u b'daqshekk jippretendi li jkun issodissfa l-obbligi tieghu fil-konfront ta' l-utenti l-ohra tat-triq. Dak is-sewwieq irid **oltre** li jaghti sinjal billi jixghel l-*indicator*, jzomm ***a proper look out*** **kemm ghat-traffiku gej minn quddiemu, ghat-traffiku li gej minn warajh kif ukoll ghal xi traffiku li già beda jissorpassah** u dana

[14] Sottolinear tat-Tribunal.
[15] **Il-Pulizija v. Ivan Vella, Appell Nru. 139/01**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-3 ta' Ottubru 2001. Sottolinear tat-Tribunal.

biex jassigura ruhu li l-utenti l-ohra tat-triq *have both seen and reacted to his signal*.

Fil-kaz in ezami l-konvenuta, ghalkemm xeghlet l-*indicator* biex turi l-intenzjoni taghha li ser iddur lejn il-lemin, ma zammitx *a proper look out* kif minnha rikjest, bil-konsegwenza li sehhet il-habta ma' l-attur li kien gej min warajha u dak il-hin kien qed jittanta jissorpassaha.

Il-fatt li l-konvenuta ma zammitx *a proper look out* jirrizulta b'mod car mill-istqarrija taghha lill-Warden - *kont gejja fi triq ix-Xghajra kont qed indur fid-drive in ta' Brenmar house bl-indicator on li qed indur, karozzi min faccata ma kienux gejjin nisma habta – tajt brake u rajt il-vettura ABG-352 ghaddejja min fuq il-lemin tieghi – baqa' sejjer ftit il fuq – waqaft u il-vettura l-ohra waqfet ukoll*.

Il-konvenuta kjarament tammetti li kienet qed taghti kaz biss tal-karozzi minn faccata taghha u mhux minn warajha wkoll u fi kwalunkwe kaz il-fatt li l-vettura ta' l-attur ratha biss mal-habta huwa fih innifsu prova li ma kenitx qed izzomm a *proper look out* fil-hin tal-manuvra taghha.

Huwa principju assodat f'materia ta' kollizzjonijiet illi fejn parti involuta f'incident tat-traffiku tiddikjara li lill-parti l-ohra ma jkunx raha qabel l-incident dak fih innifsu jikkostitwixxi prova cara li ma inzammitx *a proper look out* waqt is-sewqan - *din hi auto inkolpazzjoni ghaliex jekk seta' (kif ic-cirkostanzi stradali juru li seta') u kien imissu rah, u ma rahx, sinjal li ma kienx qieghed attent kif kellu jkun jekk ried izomm a proper look out*[16].

Ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal il-konvenuta kjarament hija responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh bejnha u l-attur.

Madanakollu l-konvenuta ma hijiex unikament responsabbli ghal dan l-incident ghaliex fil-fehma tat-Tribunal anke l-attur jahti ghall-akkadut.

---

[16] **Emanuel Zahra v. Patrick Vassallo, Citaz. Nru. 562/00NC** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Ottubru 2003.

Triq ix-Xghajra, Zabbar, it-triq fejn sehh l-incident, hija triq wiesgha b'karreggjati li jaghtu ghal zewg direzzjonijiet opposti: karreggjata li taghti mid-direzzjoni ta' Haz-Zabbar lejn ix-Xghajra – id-direzzjoni li fiha kienu sejrin iz-zewg vetturi – u karreggjata li taghti ghad-direzzjoni opposta mix-Xghajra lejn Haz-Zabbar. Huwa fatt inkontestat bejn il-partijiet kontendenti, u gie kkonfermat mill-Warden ukoll, li fi Triq ix-Xghajra ma hemm ebda linji stradali ma' l-art li jindikaw divjet assolut ta' sorpass jew *right hand turn*.

Fl-assenza ta' sinjali li jindikaw preferenzi bejn manuvra u ohra jew li jipprojbixxu manuvra u mhux ohra, l-utenti **kollha** ta' dik it-triq ghandhom jadoperaw diligenza adegwata fis-sewqan taghhom biex jigu evitati kollizzjonijiet u incidenti.

L-attur jikkontendi li hu u l-konvenuta kienu qed isuqu *side by side* fil-karreggjata li minn Haz-Zabbar taghti ghax-Xghajra u li l-konvenuta kienet fuq in-naha ta' gewwa ta' din il-karreggjata. F'hin minnhom il-konvenuta daret lejn il-lemin taghha b'dana li min-naha ta' gewwa tal-karreggjata daret lejn in-naha ta' barra bil-konsegwenza li habtet fih li kien qieghed fuq il-lemin taghha. Huwa jikkontendi li jekk il-konvenuta riedet taghmel *right hand turni* hija messha kienet qed issuq *on the crown of the road* u mhux fuq in-naha ta' gewwa tal-karreggjata biex b'hekk tevita li tohloq incidenti.

It-Tribunal ikkonsidra din il-kontestazzjoni fit-tul u wasal ghall-konkluzzjoni li dak kontestat mill-attur ma huwiex minnu in quanto ma huwiex sopportat minn ebda prova in atti.

Mill-mod kif jidhru l-karozzi wara l-habta fl-iskizz imhejji mill-Warden huwa iktar kredibbli li z-zewg vetturi kienu ghaddejjin wara xulxin it-tnejn relattivament fuq in-naha ta' barra tal-karreggjata li kienu qed jittransitaw minnha u x'hin l-attur effettwa s-sorpass gie li invada l-karreggjata opposta li mix-Xghajra taghti ghal Haz-Zabbar.

L-imprudenza ta' l-attur ma hijiex tant fil-fatt li fil-manuvra tieghu invada l-karreggjata opposta izda, iktar fil-fatt li fic-

cirkostanzi naqas mill-prudenza rikjesta minnu li jipprevedi li dik il-vettura li kellu quddiemu mill-mod kif kienet qed tinsaq – jigifieri fuq in-naha ta' barra tal-karreggjata – u mill-indicator li kellha mixghul – fatt li qatt ma gie kontestat mill-attur – dik l-istess vettura setghet tibdel ir-rotta taghha – u dana anke billi tali manuvra ma kenitx projbita fit-triq li kienu qed jittransitaw minnha – proprju waqt li hu kien qed jaghmel is-sorpass.

Fis-sentenza **Angelo Giordmaina v. Silvio Coleiro** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 1995 gie enuncjat il-principju li s-sewwieq li jkun qed jaghmel il-manuvra hu obbligat li ma jaghmilx il-manuvra ta' surpass qabel ma jaccerta ruhu li kien jista' jaghmel din il-manuvra, jibdiha w itemmha, minghajr perikolu ghalih u ghal haddiehor.

Ghalhekk it-Tribunal hu tal-fehma li l-attur huwa responsabbli ghall-incident meritu tal-kontestazzjoni fi grad ta' 20% filwaqt li l-konvenuta hija responsabbli fi grad ta' 80% ghall-istess incident.

Stabbilita r-responsabilità tal-partijiet kontendenti ghall-incident meritu tal-kontestazzjoni jonqos issa li jigu likwidati d-danni kagunati lill-attur b'konsegwenza ta' l-istess incident.

In sostenn tat-talba tieghu ghad-danni l-attur pprezenta stima mahruga minn certu Aldo Muscat - din giet esebita fl-atti tal-kawza permezz ta' Nota ipprezentata fit-23 ta' Marzu 2009.

Minn din l-istima jirrizulta li r-riparazzjonijiet ghall-hsarat kagunati fil-vettura ta' l-attur jammontaw ghall-valur totali ta' Lm456.37, illum ekwivalenti ghal €1,063.06, ghal *panel beating, spray painting, rust proofing,* inkluza l-VAT, u *spare parts*. Jirriuzlta wkoll *loss of use* fuq hamest ijiem tax-xoghol.

Ghal dak li jirrigwarda l-*loss of use*, l-attur illimita ruhu li jghid li dan huwa mifrux fuq medda ta' hamest ijiem tax-

xoghol minghajr però ma ressaq ebda prova li tista' tghin lit-Tribunal jikkwantifika l-valur ta' tali *loss of use*.

Ghalhekk it-Tribunal ma jistghax jillikwida d-dannu pretiz mill-attur bhala l-*loss of use* minnu soffert a causa tar-riparazzjonijiet mehtiega fil-vettura tieghu.

L-istima esebita mill-attur ma gietx kontestata mill-konvenuta u ghalhekk it-Tribunal ma jsib ebda raguni ghalfejn ma ghandux jaccettaha bhala prova valida tad-dannu soffert mill-attur b'konsegwenza ta' l-incident meritu tal-kontestazzjoni salv naturalment, ghal dak li già inghad fir-rigward tal-*loss of use*.

Ghalhekk id-dannu totali soffert mill-attur qed jigi likwidat fis-somma komplessiva ta' €1,063.06 izda, billi l-attur huwa in parti responsabbli ghall-incident meritu tal-kontestazzjoni, u dana fi grad ta' 20%, il-konvenuta ghandha taghmel tajjeb ghal dawn il-hsarat skond il-grad ta' responsabilità taghha ta' l-incident ossia, ghandha taghmel tajjeb ghal 80% mid-dannu soffert mill-attur u b'hekk hija tenuta thallsu s-somma ta' €850.44, ekwivalenti ghal Lm365.09.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad in parte t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta, jilqa' in parte t-talba ta' l-attur u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tmien mija u hamsin Euro u erbgha u erbghin centezmu (€850.44), bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati kif gej: l-ispejjez relattivi ghall-ewwel eccezzjoni michuda mit-Tribunal b'sentenza pronuncjata fid-29 ta' April 2008 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta, filwaqt li l-ispejjez relattivi ghat-talba attrici u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta determinati b'din is-sentenza ghandhom jigu sopportati in quanto ghal 20% mill-attur u in quanto 80% mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------